18 ta' Ġunju, 1954.

Imħallfin :—
Is-S.T.O. Sir L.A. Camilleri, LL.D., *President;*
L-Onor. Dr. W. Harding, B. Litt., LL.D.;
L-Onor. Dr. A.V. Camilleri, B.Litt., LL.D.

**Ritrattazzjoni — Żball — Art. 815 u 814 par. 12 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

Libell ta' Gaetano Mifsud *versus* Gaetano Zahra

*Kawża tista' tiġi ritrattata minħabba żball jekk is-sentenza kienet l-effett ta' żball li jidher mill-attijiet jew mid-dokumenti tal-kawża. U jitqies li hemm dak l-iżball fil-każ biss li d-deċiżjoni tkun bażata fuq is-suppożizzjoni ta' xi fatt li l-verità tiegħu tkun bla dubju eskluża, jew fuq is-suppożizzjoni li ma jeżistix xi fatt li l-verità tiegħu tkun stabbilita pożitivament. Basta li fil-każ wieħed u fl-ieħor il-fatt ma jkunx punt kontrastat li jkun ġie deċiż bis-sentenza.*

*Dan ifisser illi, biex l-iżball jagħti lok għar-ritrattazzjoni, jeħtieġ li jkun żball materjali ta' fatt, u mhux żball ta' kriterju jew ta' interpretazzjoni; jeħtieġ li jkun jirriżulta mill-attijiet u mid-dokumenti tal-kawża, u mhux minn xi atti ġodda; jeħtieġ li l-istess żball ikun manifest, b'mod li jkun jidher prodott esklużivament minn sempliċi inavvertenza tal-ġudikant; jeħtieġ ukoll li dak l-iżball ikun iddetermina d-deċiżjoni, jiġifieri illi s-sentenza, viżjata b'dak l-iżball, ma tistax tiġi sorretta minn xi raġunijiet oħra indipendenti minn dik żbaljata; u fl-aħħarnett illi l-eżistenza jew ineżistenza tal-fatt li fih manifestament ikun żbalja l-ġudikant ma tkunx punt kontraddett u diskuss bejn il-partijiet, u li fuqu s-sentenza tkun ippronunzjat ruħha.*

Il-Qorti — Rat il-libell quddiem il-Qorti tal-Kummerċ, fejn l-imsemmi Gaetano Mifsud espona illi b'att taċ-ċitazzjoni

fl-ismijiet premessi tat-3 ta' Mejju 1952, quddiem dik il-Qorti, hu talab il-kundanna ta' l-imsemmi Gaetano Zahra biex iħallas lilu £80, bilanċ ta' £115, li l-istess Mifsud kien ħallas lil Zahra akkont tal-profitti likwidati ta' appalti ta' xogħol li kellhom bejniethom; illi l-profitti ġew likwidati fil-kawża fl-ismijiet invertiti, ċeduta fit-30 ta' Ottubr 1951, fl-ammont ta' £40. 3. 5½. kull wieħed, skond relazzjoni ta' l-Avukat Dr. Giuseppe Pace, perit f'dik il-kawża, u l-kwota tiegħu baqgħet għand l-imsemmi Zahra; illi Dr. Giuseppe Pace, b'digriet tal-4 ta' Diċembru 1952, ġie nominat perit biex jirrelata fuq id-domanda, u fir-relazzjoni li pprezenta kkonkluda illi l-bilanċ dovut minn Zahra huwa dak ta' £26. 6. 6½. billi, mill-kwota tal-profitti ta' Mifsud, Zahra ħallas £31 lill-A.I.C. Professur Robert V. Galea, perit fil-kawża ċeduta fit-30 ta' Ottubru 1951, dovuti minn Mifsud, u dan ħallas lil Dr. Pace, perit fil-kawża, £12. 10. 0. dovuti minn Zahra; illi b'sentenza ta' l-14 ta' Lulju 1953 dik l-Qorti akkoljiet ir-relazzjoni peritali, ikkundannat lill-konvenut iħallas £21. 6. 6½, u rrespinġiet id-domandi attriċi għad-differenza, bl-ispejjez skond ir-rispettiva vittorja u sokkombenza; illi l-fatt tal-pagament da parti ta' Zahra ta' £31 dovuti lil Professur Galea mhux veru, u s-sentenza mogħtija ma ġietx appellata, u ġiet a konjizzjoni ta' Mifsud wara dan it-terminu ta' l-appell, u kwindi Mifsud għandu dritt jitlob ir-ritrattazzjoni ta' l-istess kawża in bażi għall-art. 815 tal-Kap. 15 tal-Liġijiet ta' Malta (Ediz, Riv.), għaliex is-sentenza hija l-effett ta' żball riżultanti mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża, kif jistabbilixxi l-paragrafu 12 ta' l-art. 814 ta' l-istess Liġi; infatti is-sentenza, fuq ir-relazzjoni peritali, issupponiet bħala veru l-fatt, inkontrastabilment falz, li Zahra ħallas bil-flus ta' Mifsud lil Professur Galea l-imsemmijin £31, li fil-fatt ħallashom Mifsud bi flusu per mezz ta' Jos. Azzopardi, kif jirriżulta mid-dokument prodott mall-libell, u dana l-fatt falsament suppost ma ġiex diskuss fil-kawża; u dan jikkostitwixxi l-iżball kontemplat fl-art. 814, paragrafu 12 fl-inċiż numru 2; illi għalhekk huwa qiegħed jimpunja s-sentenza fuq riferita, mogħtija minn dik il-Qorti fl-14 ta' Lulju 1953, fil-parti li rriġettat id-domanda attriċi u fil-kap ta' l-ispejjeż relativi; u talab li dik is-sentenza li rriġ-

eltat parti mid-domanda u fil-kap relativ ta' l-ispejjeż tiġi revokata, u l-istess kawża tiġi ritrattata; bl-ispejjeż;

Rat is-sentenza mogħtija minn dik il-Qorti fis-16 ta Marzu 1954, li biha ġiet respinta t-talba, bl-ispejjeż; wara li kkunsidrat;

Illi b'att ta' ċitazzjoni numru 278 tal-1952 quddiem dik il-Qorti l-attur Gaetano Mifsud, wara li ppremetta li fil-kors ta' l-appalti li hu kellu mal-konvenut Gaetano Zahra, huwa ħallas lill-istess Zahra £115 akkont tal-profitti ta' l-istess appalti, minn liema somma Zahra tah £35, talab illi l-istess Zahra jiġi kundannat iħallas lilu £80, bilanċ ta' l-imsemmija £115. Il-konvenut eċċepixxa illi t-talba ta' l-attur kienet iffurmat il-meritu ta' kawża oħra fl-istess ismijiet, li ġiet ċeduta, u kwindi ċalad it-talba għar-raguni tal-"non bis in idem", billi t-transazzjoni kkomprendiet kull pendenza bejn il-kontendenti. Ġiet adoperata perizja u fir-relazzjoni peritali l-perit issottometta dan li fil-qosor sejjer jingħad, jiġifieri...... ;

Dik ir-relazzjoni ġiet approvata, u b'sentenza ta' l-14 ta' Lulju 1953 it-talba ta' l-attur Mifsud ġiet akkolta limitatament għall-imsemmija somma ta' £21. 6. 6½, u ġiet respinta għad-differenza, u ġie ordnat illi l-ispejjeż tal-kawża u relativi jiġu sopportti mill-kontendenti skond ir-rispettiva vittorja u sokkombenza;

Kif jidher ċar mill-kontenut tal-libell, l-attur jippretendi li żbalja l-perit legali meta wasal għall-konklużjoni u ssottometta illi l-£31 ġew imħallsin lill-Professur Galea minn Zahra, u żbaljat il-Qorti meta qagħdet fuqu u ppronunzjat issentenza skond dik il-konklużjoni u sottomissjoni, billi, kif huwa jgħid, mhux veru li dawk il-£31 ġew imħallsin minn Zahra, billi inveċi ġew imħallsin minnu stess per mezz talfuq imsemmi Joseph Azzopardi; u jippretendi illi għal daqshekk l-istess sentenza hija suġġetta għar-ritrattazzjoni skond id-dispożizzjoni kontenuta fl-itra "l" ta' l-art. 814 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili;

Illi, skond id-dispożizzjoni tal-liġi ċitata, kawża tista' tiġi ritrattata "jekk is-sentenza kienet l-effett ta' żball li jidher mill-attijiet jew mid-dokumenti tal-kawża"; u skond dak li jingħad fit-tieni paragrafu ta' dak l-inċiż, jitqies li hemm dan

l-iżball "fil-każ biss li d-deċiżjoni tkun bażata fuq is-suppożizzjoni ta' xi fatt li l-verità tiegħu tkun bla ebda dubju eskluża, jew fuq is-suppożizzjoni li ma jeżistix xi fatt li l-verità tiegħu tkun stabbilita pożitivament; basta li, fil-każ il-wieħed u l-ieħor, il-fatt ma jkunx pont kontestat li jkun ġie deċiż bis-sentenza";

Ġie invarjabilment deċiż mill-Qorti Suprema Tagħna illi l-iżball ta' fatt li jagħti s-sostrat ta' ritrattazzjoni għandu jkun materjali u tali illi, minħabba mera inavvertenza, ikun induċa lill-ġudikant jissupponi fatt inkontrastabilment eskluż, jew jissupponi ineżistenti fatt pożitivament stabbilit. Il-liġi, li tirrikjedi illi l-iżball jirriżulta mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża, tissupponi li l-ġudikant, għal inavvertenza materjali, ma jkunx ikkonsultahom. Mortara, a propożitu, jispjega ruħu hekk:— "Come è definito dalla legge, l'errore di fatto è un vero errore dei sensi; il magistrato ha creduto di vedere negli atti quel che non esiste, od ha fondato la sua convinzione sul presupposto della inesistenza di quel che avrebbe subito veduto se avesse esercitato gli occhi del corpo e dell'intelletto sulle carte del processo" (Vol. IV, pag. 504);

Illi mill-eżami ta' l-imsemmija *dispożizzjoni tal-liġi* jirriżulta illi, biex l-iżball ta' fatt jagħti kawża għar-revokazzjoni tas-sentenza, jeħtieġ, kif jikteb Mattirolo (Vol. IV, paġ. 825):—

1. Illi l-*iżball ikun żball materjali ta' fatt*, u mhux żball ta' kriterju jew ta' interpretazzjoni;

2. Illi l-iżball jirriżulta mill-atti u dokumenti tal-kawża, u għalhekk hija *assolutament inammissibili* l-*produzzjoni* ta' atti u dokumenti ġodda biex tiġi fornita l-prova ta' l-iżball;

3. Illi l-istess żball ikun manifest, tali, ċjoè, li jemerġi mis-sempliċi konfront bejn id-dikjarazzjonijiet tas-sentenza u l-atti u d-dokumenti tal-kawża; b'*mod li jkun jidher prodott* esklużivament mis-sempliċi inavvertenza tal-ġudikant;

4. Illi l-iżball ikun iddetermina d-deċiżjoni tal-ġudikant, *jiġifieri illi l-istess żball ikun jikkostitwixxi* l-fondament prinċipali tas-sentenza; u għalhekk ma jkunx hemm lok għar-revoka tas-sentenza jekk din, għalkemm vizjata minn żball ta' fatt manifest, tkun tista' tiġi sorretta b'raġunijiet oħra indi-

pendenti min dik żbaljata;

5. Illi l-eżistenza jew l-ineżistenza tal-fatt li fih manifestament ikun żbalja l-ġudikant ma tkunx iffurmat punt ta' kontroversja, jiġifieri punt kontradett u diskuss bejn il-partijiet u li fuqu s-sentenza tkun ippronunzjat;

Illi fil-każ preżenti l-iżball li l-attur jallega ma jidherx mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża, l-ghaliex fil-kawża ma hemm l-ebda dokument jew att li juri illi l-£31 ma ġewx imħallsin lill-Professur Galea minn Zahra, imma inveċe mill-attur; mhux tali li jemerġi mis-sempliċi konfront bejn id-dikjarazzjonijiet tas-sentenza u l-atti u dokumenti tal-kawża, u ghalhekk tali li jidher prodott eskluživament minn sempliċi inavvertenza tal-ġudikant. Dana jirriżulta anki mill-istess fatti li ġiew esposti fil-libell, u mill-istess talba li saret b'dak il-libell; u difatti l-attur mal-libell ipproduċa bħala dokument dikjarazzjoni ta' l-imsemmi Professur Galea, firmata wara s-sentenza, fis-sens li dan irċieva l-imsemmijin £31 b'cheque firmat minn J. Azzopardi, u rriżerva d-dritt li jipproduċi bħala xhieda lill-istess Professur Galea u lill-imsemmi Joseph Azzopardi ghall-prova li l-pagament ta' l-imsemmija £31 lill-Professur Galea sar mill-esponent (l-attur) per mezz ta' Joseph Azzopardi. Dana juri illi anki l-attur jirrikonoxxi illi din il-prova ma tirriżultax mill-atti u mid-dokumenti tal-kawża, ghaliex talab li jiġi ammess jipproduċi provi u dokumenti ġodda biex jifforniixxi l-prova ta' l-iżball; dak li hu, kif ġa ntqal, assolutament inammissibili, billi l-iżball ghandu jirriżulta mill-atti u dokumenti tal-kawża. U jekk il-prova tal-fatt l-attur iddikjara li jrid jagħmilha fil-ġudizzju tar-ritrattazzjoni, kif jista' jallega illi l-istess żball irriżulta inkontrastabilment falz fil-kawża li jrid li tiġi ritrattata?

Illi ghalhekk jidher b'mod mill-aktar ċar illi in rigward ta' dan il-punt ma sar l-ebda żball mill-ġudikant, dati l-atti u d-dokumenti tal-kawża, fis-sentenza impunjata li biha ġiet definita dik il-kawża li taghha ġiet mitluba r-ritrattazzjoni, u li, jekk il-fatt tal-ħlas lill-Professur Galea minn Zahra ma jeżistix u mhux veru, il-verità ta' dak il-fatt ma tirriżultax

eskluża mill-atti u d-dokumenti tal-kawża;

Illi għalhekk, anki jekk hemm l-iżball allegat mill-attur, dana mhux dovut għal xi inavvertenza tal-ġudikant, u ċertament, għar-raġunijiet premessi, ma jagħtix kawża għar-revokazzjoni tas-sentenza;

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-attur, u rat il-petizzjoni tiegħu, fejn talab li s-sentenza fuq imsemmija, mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ fis-16 ta' Marzu 1954, tiġi revokata, billi d-domanda tiegħu tiġi milqugħa; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi din il-Qorti ma ssibx raġuni biex tiddipartixxi mill-konklużjoni li għaliha waslet l-Ewwel Qorti, u tagħmel tagħha l-motivi li fuqhom dik il-konklużjoni tinsab bażata, u li huma konformi għall-ġurisprudenza kostanti ta' dawn il-*Qrati* fil-materja (ara sentenzi App. Ċiv. 2 ta' Frar 1930 in re "Vella Zarb vs. Bartolo"; App. Ċiv. 28 ta' April 1944 in re "Gauci vs. Polidano"; App. Ċiv. 12 ta' Frar 1936 in re "Laferla vs. Dr. Bonnici"; App. Kumm. 28 ta' Frar 1934 in re "Barbara vs. Barbara"; App. Kumm. 23 ta' Marzu 1936 in re "Anastasi vs. Barbara"; App. Kumm. 21 ta' Jannar 1949 in re "Debono vs. Fava"; App. Ċiv. 23 ta' Novembru 1953 in re "Schembri vs. Bonnici"; App. Kumm. 27 ta' Novembru 1953 *in re "Debono* vs. Fava"; App. *Ċiv.* 9 ta' *Diċembru* 1953 in re "Gubbins vs. Dr. Sammut"; u App. Ċiv. 29 ta' Jannar 1954 in re "Sarè vs Ellul");

Għaldaqshekk;

*Tirrespingi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata*; bl-ispejjeż kontra l-attur appellant.